



12311/25

MI 603
ETS 16
COMPET 822
EDUC 343
DELACT 121
ENT 147
JUR 546

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5066 final
Suġġett:	DEĊIJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI ta'30.7.2025 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifikasi formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

Id-delegazzjonijiet isibū meħmuż id-dokument C(2025) 5066 final.

Mehmuż: C(2025) 5066 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2025
C(2025) 5066 final

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI

ta'30.7.2025

li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifikasi formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

(Test b'rilevanza ǵħaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jemenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifikasi professjonal¹, kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE ("id-Direttiva 2005/36/KE"), li telenka l-provi tal-kwalifikasi soġġetti għal rikonoxximent transfruntier awtomatiku.

Skont id-Direttiva 2005/36/KE, il-professjonijiet li ġejjin jistgħu jikkwalifikaw għal rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifikasi tagħhom fi Stat Membru ieħor, taħt ċerti kundizzjonijiet, għall-fini ta' aċċess għal professjoni regolata u tal-prattika tagħha: tabib b'taħriġ bażiku, tabib speċjalista, infermier responsabbli mill-kura ġenerali, dentist, dentist speċjalista, kirurgu veterinarju, qabla, spiżjar u perit.

Waħda mill-prekundizzjonijiet għar-rikonoxximent awtomatiku hi li l-kwalifikasi tissodisfa r-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stipulati fit-Titolu III, il-Kapitolu III, ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 21a(1) tad-Direttiva 2005/36/KE jirrikjedi li kull Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jadotta fir-rigward tal-ħruġ ta' provi ta' kwalifikasi formal i fil-professjonijiet koperti mit-Titolu III, il-Kapitolu III, ta' dik id-Direttiva. Skont l-Artikolu 21a(3) ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jridu jittrażmettu l-informazzjoni meħtieġa għal tali notifikasi billi jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information). Il-Kummissjoni mbagħad tevalwa dawn is-sottomissjonijiet skont ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva.

Sabiex jitqiesu kif xieraq l-iżviluppi leġiżlattivi u amministrattivi fl-Istati Membri, l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2005/36/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-punti rilevanti tal-Anness V fir-rigward tal-aġġornament tat-titoli adottati mill-Istati Membri għall-prova ta' kwalifikasi formal u, fejn ikun xieraq, il-korp li joħroġ il-prova ta' kwalifikasi formal, iċ-ċertifikat li jakkumpanjaha u t-titlu professjonal korrispondenti. Sa issa, ġew adottati seba' deċiżjonijiet delegati² skont l-Artikolu 21a(4).

L-emendi ewlenin proposti tal-Anness V jirriflettu l-iżviluppi leġiżlattivi u amministrattivi fl-Istati Membri għall-ħruġ ta' provi ta' kwalifikasi formal i fil-professjonijiet koperti mit-Titolu III, il-Kapitolu III, tad-Direttiva, li l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni, u fejn il-Kummissjoni kkonfermat li dawn jilħqu r-rekwiżiti tat-taħriġ minimi armonizzati miftiehma. Għall-periti tapplika proċedura differenti, f'konformità mal-Artikolu 21a(1), is-subparagrafu 2 tad-Direttiva. Għal din il-professjoni, l-Istati Membri jiġu kkonsultati permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) dwar jekk it-titoli jew il-programmi ġoddha għandhomx

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifikasi professjonal (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

² Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/790 tat-13 ta' Jannar 2016 (ĠU L 134, 24.5.2016, p. 135),

id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2113 tal-11 ta' Settembru 2017 (ĠU L 317, 1.12.2017, p. 119),

id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/608 tas-16 ta' Jannar 2019 (ĠU L 104, 15.4.2019, p. 1),

id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 tat-23 ta' Jannar 2020 (ĠU L 131/1, 24.4.2020, p. 1),

id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183 tal-25 ta' Awwissu 2021 (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 16),

id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2383 tat-23 ta' Mejju 2023 (ĠU L 2023/2383, 09.10.2023), u

d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/1395 tal-5 ta' Marzu 2024 (L 31.5.2024, p. 1).

jiġu inklużi fl-Anness V. Din il-konsultazzjoni seħħet għal notifikasi li jikkonċernaw il-professjoni ta' perit inklużi f'din id-Deċiżjoni Delegata.

Għalhekk, din id-Deċiżjoni Delegata tikkonsolida t-titoli professjonal antiki, ġodda u emendati nnotifikati sat-30 ta' Ġunju 2024 li ġew ivvalutati u approvati mis-servizzi tal-Kummissjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritatijiet tal-Istat Membru dwar dawn l-emendi tal-Anness V permezz tal-grupp ta' esperti rilevanti (“Grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonal”³). B'rезультат ta' din il-konsultazzjoni, saru l-bidliet addizzjonal li ġejjin fl-abbozz ta' Deċiżjoni Delegata:

- Għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju fil-Polonja skont il-punt 5.4.2 tal-Anness V, it-titolu tal-korp li jagħti l-provi tal-kwalifikasi ġie emendat għal “Uniwersytet Rolniczy im. Hugona Kołłątaja w Krakowie”.
- Għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju fil-Litwanja skont il-punt 5.4.2 tal-Anness V, muwiex meħtieġ li fin-nota ta' qiegħ il-paġna tiżdied id-data sa meta għandha tapplika l-evidenza tal-kwalifika formali “Magistro diplomas (veterinarinēs medicinos magistro kvalifikacnis laipsnis ir-veterinarijs gydytojo profesinē kvalifikacija)”. In-noti f'qiegħ il-paġna jispeċifikaw id-data minn meta għandha tapplika l-evidenza tal-kwalifika formali “Veterinarijs mokslu magistro laipsnis ir-Veterinarijs gydytojo kvalifikacija”.
- Għall-professjoni ta' spiżjar fil-Litwanja skont il-punt 5.6.2 tal-Anness V, muwiex meħtieġ li fin-nota ta' qiegħ il-paġna tiżdied id-data sa meta għandha tapplika l-prova tal-kwalifika formali “Magistro diplomas (farmacijos magistro kvalifikacnis laipsnis ir-väistininko profesinē kvalifikacija)”. In-noti f'qiegħ il-paġna jispeċifikaw id-data minn meta għandhom japplikaw il-provi tal-kwalifika formali “Magistro diplomas (sveikatos mokslu magistro laipsnis ir-väistininko kvalifikacija)” u “Magistro diplomas (sveikatos mokslu magistro laipsnis ir-väistininko profesinē kvalifikacija)”.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Din id-Deċiżjoni Delegata hija bbażata fuq l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2005/36/KE. Dak l-Artikolu jaġhti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 57c ta' dik id-Direttiva biex temenda l-punti 5.1.1 sa 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 tal-Anness V. Dawn il-punti jinkludu t-titoli adottati mill-Istati Membri għall-provi ta' kwalifikasi formali u, fejn xieraq, tal-korp li joħroġ il-provi ta' kwalifikasi formali, taċ-ċertifikat li jakkumpanjahom u tat-titolu professjonal korrispondenti.

³ Kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/172/KE tad-19 ta' Marzu 2007 għall-ħolqien ta' grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonal (ĠU L 79, 20.3.2007, p. 38).

DEĊIJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI

ta'30.7.2025

li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifikasi formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifikasi professjonali⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE fih listi bil-provi ta' kwalifikasi formali tat-tobba b'taħriġ bażiku, tat-tobba speċjalisti, tal-infermiera responsabbi mill-kura ġenerali, tad-dentisti, tad-dentisti speċjalisti, tal-kirurgi veterinarji, tal-qwiebel, tal-ispiżjara u tal-periti.
- (2) L-Artikolu 21a(1) ta' dik id-Direttiva jeżiġi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja u amministrattiva li l-Istati Membri jadottaw għall-ħruġ tal-provi ta' kwalifikasi formali li jgawdu minn rikonoxximent awtomatiku. Imbagħad il-Kummissjoni tevalwa dawn is-sottomissjonijiet u tqabbilhom mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ.
- (3) Diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi li l-Istati Membri adottaw għall-ħruġ ta' provi ta' kwalifikasi formali koperti mill-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (4) Il-Kummissjoni vvalutat in-notifikasi mill-Istati Membri u kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet nnotifikati mill-Istati Membri jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabiliti fl-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40, 41, 44 u 46 tad-Direttiva 2005/36/KE. L-eżitu tal-valutazzjoni ta' dawk in-notifikasi huwa rifless f'din id-Deċiżjoni, fl-emendi tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE jiġi aġġornat. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' ċertezza legali, il-punti rilevanti kollha tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar il-provi ta' kwalifikasi formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ jenħtieġ li jiġi sostitwiti.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi emadata kif xieraq,

⁴

ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30.7.2025

*Għall-Kummissjoni
Roxana MÎNZATU
Viċi President Eżekuttiv*